# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002**

**Numru 122**

**Citaz. numru: 2559/96 M1 NA**

**Godwin Tabone f'ismu proprio u kif ukoll bhala kuratur *ad litem* tat-tifel minuri Anton Tabone**

**vs**

**Brenda Tabone**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-12 ta' Awissu 1996 fejn ippremetta:

"Illi l-kontendenti zzewgu fid-19 ta' April 1972 (ara Dokument "A");

Illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta' l-attur ta' adulterju, minacci, mohqrija, theddid u ngurji gravi u di piu' z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli;

Illi l-kontendenti gew awtorizzati jisseparaw b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Marzu 1996, digriet numru 243/96 (ara Dokument "B");

Illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti kellhom tifel minuri Anton Tabone;

TALAB li din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'tortijiet unikament imputabbli ghall-konvenuta;

2. taffida l-kura w il-kustodja tat-tifel minuri Anton Tabone f'idejn l-attur;

3. tapplika kontra l-konvenuta l-komminazzjonijiet tal-ligi stabbilita f'Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. tapplika kontra l-konvenuta l-effetti ta' Artikolu 54 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. tordna t-terminazzjoni u xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti fid-dawl ta' dak li jipprovdi artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddividiha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja parti lill-attur u ohra lill-konvenuta *ope sententia*;

Bl-ispejjez u bil-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit.

Il-konvenuta finalment giet notifikata wara l-hinijiet legali fl-10 ta' Awissu 1998.

Hija ma ghamlitx Nota ta' l-Eccezzjonijiet fit-terminu moghti mil-ligi izda dehret ghas-seduta quddiem il-Qorti fis-16 ta' Settembru 1998 fejn iggustifikat il-kontumacja taghha w inghatat terminu biex taghmel l-istess eccezzjonijiet.  F'din is-seduta l-partijiet iddikjaraw illi ma kienu jsibu ebda oggezzjoni li l-kawza tinstema' mill-Imhallef sedenti minkejja illi kien hu li

sema' lill-partijiet bhala Imhallef tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Il-konvenuta pero' mhux talli ma ghamlitx l-eccezzjonijiet taghha izda anqas dehret ghas-seduta tat-13 ta' Novembru 1998 fejn il-Qorti ddikjaratha fi stat ta' kontumacja. Dan nonostante nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Monica Borg Galea biex tigbor il-provi.

L-Assistenta Gudizzjarja zammet diversi seduti fejn ma sar xejn sakemm fis-seduta tat-23 ta' Gunju 1999 xehed l-attur: "*Nghid illi z-zwieg taghna kien bejn wiehed u iehor normali u bhal kull zwieg normali bl-ups and downs tieghu, pero' wara kienet qabdet il-vizzju tax-xorb.*" It-tfal li kellhom minn dan iz-zwieg peress illi l-konvenuta kienet iddivorzjata u kellha zewgt itfal miz-zwieg precedenti, kienu f'din id-data t-tnejn maggorenni. Jaghti storja ta' mara normali, infatti omm pjuttost tajba, sakemm ma kenitx tkun taht l-effett tax-xorb. Jallega illi fl-1996 hija kellha relazzjoni intima ma' certu Philip West, pero' ta' dan ma gab ebda prova konkreta.

Fis-seduta tas-16 ta' Settembru 1999 invece xehed Anton Tabone, it-tifel tal-koppja. Jispjega kif fil-bidu: "*Dejjem niftakar lill-ommi differenti bhala karattru fil-ghodu u fil-ghaxija. Fil-ghodu kienet tkun persuna normali, kienet tkun allright,*

*imbaghad kont nigi mill-iskola u kienet tkun inbiddlet. Ommi kienet tixrob u nfatti kienet tispicca targumenta ma' missieri, u mbaghad konnha nispiccaw nehlu jiena u hija. Kienet tgaralna xi haga jew titfaghlna xi haga. Pero' ghall-inqas id-dar kienet tiehu hsiebha u anke kienet issajrilna.*" Mal-moghodija taz-zmien pero' dana tbiddel ukoll. Ommu kienet taghmel sieghat twal barra tixrob jew inkella tixrob quddiem it-*television* id-dar. Ittraskurat il-familja ghal kollox u ma baqghetx issajjar u tiehu hsieb id-dar. Saret kontinwament argumentattiva ma' missierhom u maz-zewgt itfal, tant hu hekk illi, fl-ahhar, huma ddecidew mal-missier jitilqu mid-dar konjugali u jmorru jghixu band'ohra.

Fis-seduta tal-25 ta' Frar 2000 rega' xehed l-attur fejn esebixxa kopja tal-kuntratt ta' bejgh tal-Flat 2, McArthur Flats, 22 Triq Gulielmu, Cospicua fejn kien qed jirresjedi maz-zewgt itfal uliedu u kuntratt iehor li jirrigwarda d-dar matrimonjali "Francis House", Triq ic-Cern, Zabbar fejn kienet qed tirresjedi martu. Iz-zewg proprietajiet inxtraw waqt iz-zwieg.

Wara li saret seduta fl-14 ta' April 2000 li fiha kellha tixhed il-konvenuta li pero' ma dehritx, fis-seduta quddiem l-Assistenta Gudizzjarja tal-14 ta' Settembru 2000 l-attur, tramite d-

difensur tieghu, ddikjara li ma kellux aktar provi, dikjarazzjoni minnu ripetuta quddiem il-Qorti fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi minkejja dak iddikjarat mill-attur quddiem il-Qorti u quddiem l-Assistenta Gudizzjarja l-provi mressqa f'din il-kawza huma skarsi u zgur illi ma jippermettux lill-Qorti tasal ghall-akkoljiment ta' diversi mit-talbiet attrici anke in vista tal-provi mressqa f'dak il-grad rikjest mil-ligi f'kawza civili u dana nonostante l-kontumaci tal-konvenuta, liema stat ma jiddispensax lill-attur milli jgib dawk il-provi necessarji biex jigu akkolti t-talbiet tieghu.

Jirrizulta minn dawk il-ftit provi mressqa illi l-konvenuta kienet, jekk mhux unikament responsabbli ghall-falliment ta' dan iz-zwieg, almenu principalment responsabbli peress illi l-Qorti thoss illi l-hinijiet twal li kien jahdem l-attur meta kien jaf bil-problemi li kellha martu ma tantx ghenu biex hija setghet tissupera d-diffikultajiet taghha konsiderat ukoll li kienet persuna barranija li kienet qed tghix f'ambjent esteru. Il-Qorti

ma ghandhiex dubbju illi dawn ic-cirkostanzi wasslu ghad-deterjorament tal-kondizzjoni taghha meta forsi seta' kien mod iehor. Din il-parti tat-tort li qed tigi attribwita lill-attur pero' ma tista' twassal ghal ebda konsegwenza legali u dana partikolarment peress illi, kif inghad, ma ngabet ebda prova konkreta dwar l-allegat adulterju tal-konvenuta. Effettivament l-attur anqas ma gab il-korrispondenza (jew kopja taghha) li allegatament giet skambjata bejn martu u dan Philip West meta stqarr li ma setax isibha. Ma ngabet ebda prova li l-konvenuta tahdem jew qatt hadmet anzi, ghall-kuntrarju, se mai, il-provi jindikaw mod iehor. Finalment, il-Qorti ma hijiex sodisfatta bil-valuri rispettivi tal-proprietajiet li jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Kien ikun mistenni mill-attur li jitlob in-nomina ta' Perit Tekniku jew almenu jgib opinjoni *ex parte* dwar il-valuri, prova ammissibbli wara l-emendi fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bl-Att XXIV tal-1995. Il-Qorti ma thossx ruhha kompetenti biex tistma teknikament dawn il-proprietajiet u dan in-nuqqas sejjer ta' bilfors ikollu konsegwenzi legali.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza tista' tigi biss deciza bil-mod segwenti billi l-Qorti:

1. tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti principalment jekk mhux unikament b'tort imputabbli ghall-konvenuta;

2. tastieni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba peress illi jirrizulta li anke t-tifel Anton huwa llum maggorenni;

3. tichad ghar-ragunijiet fuq moghtija t-tielet talba peress illi f'dan il-kaz ma japplikawx l-Artikoli 38 u 41 tal-Kodici Civili li jwasslu ghall-konsegwenzi ta' l-Artikolu 48 ta' l-istess Kodici;

4. tastieni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba peress illi ma ngabet ebda prova li a bazi taghha l-Qorti tista' tapplika l-Artikolu 54(1) tal-Kodici Civili;

5. tilqa' l-hames talba limitatament billi tordna t-terminazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti pero' tastieni milli tiddividi l-istess u dan ghar-ragunijiet fuq moghtija.

Minkejja d-decide fuq il-meritu, in vista ta' l-akkoljiment ta' l-ewwel talba pero' wkoll minhabba n-nuqqas ta' interess kwazi

totali muri mill-konvenuta f'din il-kawza l-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jithallsu minnha.

Deputat Registratur

rf.